MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 425/2010

Kawza fil-lista:  50

***Y Y* bhala kuratrici ta' bintha *B Y***
**li giet inabilitata permezz ta' digriet nru.15/2005**
**datat 10 ta' Jannar 2005**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mifsud Cutajar u**
**l-Prokuratur Legali Joeline Pace Castaldi kuraturi**
**deputati nominati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti *X H***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li *B Y* izzewwget civilment lil *X H* fl-14 ta' Marzu 2002;  li z-zwieg qatt ma gie kkunsmat, u l-istess konjugi qatt m'ghexu flimkien; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-

artikolu 19[1], u ghalhekk iz-zwieg huwa null, anke fit-termini ta' l-artikolu 19[A] tal-Kap.255; ghalhekk qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null minn din il-Qorti li wkoll ghandha tordna r-registrazzjoni relattiva fuq l-att taz-zwieg relattiv; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici nomine qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null l-imsemmi zwieg, fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi fuq citati.

**Il-Fatti**

Illi mix-xhieda mismugha jirrizulta mhux kontraddett li *B Y*, cittadina Maltija, izzewwget lil *X H*, cittadin Sirjan, fl-14 ta' Marzu 2002 fuq pressjoni da parti tal-habiba taghha Marianne Maughieri.

L-istess *B Y* tispjega li hi ma kienitx taf lil *X* u fil-fatt kienet iltaqghet mieghu l-ewwel darba fil-gurnata taz-zwieg fir-Registru Pubbliku. Wara z-zwieg dana telaq, u hi ma ratux aktar; b' hekk dawn il-konjugi qatt ma kkonvivew flimkien u qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi flimkien. Sussegwentement skopriet li l-habiba taghha kienet hadet il-flus minghand *X H* tas-sehem taghha f' din it-transazzjoni.

Illi omm l-istess *B Y* tikkonferma li hi kienet saret taf biz-zwieg, gimgha wara li kien sar, u tikkonferma li dina kienet baqghet toqghod maghha fid-dar. Tghid li l-istess *B Y* kienet ghamlitha ma' kumpanija hazina, u kienet saret dipendenti fuq ix-xorb alkoholiku, tant li kienet ukoll ghamlet xi zmien rikoverata fl-Isptar Monte Carmeli. Sussegwentement kienet giet inabilitata mill-atti civili

peress li t-tobba kienu ccertifikaw li kellha nteligenza baxxa.

Iz-zewg xhieda kkonfermaw li huma m’ghandhomx kuntatt ma’ *X*, u ma jafux fejn joqghod.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-attrici l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d], u fil-konfront tal-konvenut, dak kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, stante li mill-provi jirrizulta car li dan qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkonvivi ma’ *B Y*.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta’ Marzu 2002.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jigu sopportati mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------